**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
**Alan Muscat**

Numru 1091/2014

Illum it-tlieta (3) ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

*Omissis*

*Omissis*

*Omissis*

**Alan Muscat**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Anthony u Josephine neé Calleja, imwieled Pietà fit-12 ta' Marzu 1986, residenti Nru. 31, Flat 3, Triq il-Kulleggata, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 146186(M)

akkuzat talli fl-10 ta' Frar 2010, u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (raza tal-pjanta *Cannabis*) f'dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjoniijet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

2. biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazjoniijet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti jew li jkunu jmissu lill-akkuzat, jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il- Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 12 ta' Frar 2010 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat Alan Muscat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza (*a fol.* 6).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 163/10 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke dwar sejba ta' ammont ta' droga *cannabis* f'Birkirkara skond rapport tal-Pulizija tal-10 ta' Frar 2010 (*Envelope Loose*).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 166/10 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke li jikkontjeni Xhieda Guramentata ta' Martha Scicluna, Alan Muscat, Luke Muscat, Henry Grogan u Neville Mamo (*Envelope Loose*).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 164/10 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke li jikkontjeni Xhieda Guramentata ta' Anthony Calleja (*Envelope Loose*).

Rat illi, fil-15 ta' Marzu 2012, l-Avukat Generali pprezenta quddiem il-Qorti Kriminali Att ta' Akkuza bin-Numru 7/2012 fil-konfront ta' Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat (*Envelope Loose*).

Rat illi, in segwitu ta' Rikors ipprezentat fil-15 ta' Settembru 2014 mill-imputat Alan Muscat, fil-21 ta' Ottubru 2014 il-Qorti Kriminali ddegretat is-segwenti:

> *"Wara li qieset ir-rwol li kellu r-rikorrenti li huwa zghir fil-fatt li taw lilu ghal dan il-kaz.*
>
> *Id-decizjoni ghandha tmur favur l-imputat u ghalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li r-rikorrenti ghandu jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati".*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 681 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 686), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 (*a fol.* 712), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 (*a fol.* 712), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard (*a fol.* 722) u rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt minnha (Dok. "MA 1" – *a fol.* 724 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019, id-depozizzjoni moghtija minn Luke Muscat (li jigi hu l-imputat) (*a fol.* 800 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 799), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq f'dan il-kaz.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-10 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 806 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-10 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 809 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 815), il-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-ammissjoni ta' htija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u

meta regghet staqsietu ghal darba ohra jikkonfermax jekk hux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u dana wara li l-Qorti spjegatlu x'inhuma l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu, l-imputat, ghal darb'ohra, informa lill-Qorti li hu fehem x'inhuma dawn il-konsegwenzi u, ghal darb'ohra, rega' tenna l-ammissjoni ta' htija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 815), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jzommu ferm dak sottomess minnhom fin-Noti ta' Sottomissjonijiet taghhom hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-kawza kienet originarjament kontra erba' imputati bl-isem ta' Henry Grogan, Neville Mamo, Luke Muscat u Alan Muscat pero' peress li l-Qorti Kriminali ddeciediet li l-process gudizzjarju fil-konfront ta' Alan Muscat ghandu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, b'hekk is-sentenza odjerna tikkoncerna **<u>biss</u>** lill-imputat Alan Muscat.

Illi, tenut kont tal-fatt li l-imputat Alan Muscat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont tal-fatt li huwa (ghal darba, darbtejn) ikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragoneveli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu, u dana wara li l-Qorti spjegatlu x'inhuma l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, b'hekk isegwi li l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat Alan Muscat gew kollha kemm huma sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat Muscat ser jinstab hati taghhom.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Alan Muscat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom dak li gie sottomess mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fin-Noti ta' Sottomissjonijiet taghhom hawn fuq imsemmija u kif ukoll is-segwenti:

- in-natura ta' dak addebitat fil-konfront tal-imputat Muscat,

- l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri,

- ir-rwol li kellu l-imputat Alan Muscat, li l-Qorti Kriminali stess fid-Digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 2014 hawn fuq imsemmi ddeskriviet bhala *"zghir"*,

- il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Johann J. Fenech iddikjara (a) li l-imputat Alan Muscat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan illi l-piena fil-konfront tal-imputat ghandha titnaqqas b'zewg gradi (*a fol.* 815) u (b) li l-imputat ghandu jinghata piena ta' anqas minn sitt xhur prigunerija (*a fol.* 815),

- dak li nghad mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard (*a fol.* 722) u dak li jirrizulta fir-rapport (Dok. "MA 1" – *a fol.* 724 *et seq.*) redatt minnha u

- dak li nghad mix-xhud Luke Muscat (*a fol.* 800 *et seq.*).

Illi, mehud in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Alan Muscat, il-Qorti hija obbligata li taghti sentenza ta' prigunerija effettiva (inkluz dik ta' hlas ta' multa) fil-konfront tal-imputat b'dan illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ser jigi applikat Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Alan Muscat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' xahrejn prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn Euro (€200.00).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat (salv jekk dawn m'humiex bzonnjuzi fi proceduri ohra li originarjament kienu konnessi mal-kawza odjerna) u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ghal darb'ohra terga' tinnota li l-imputati f'din il-kawza kienu originarjament erbgha, tordna lill-hati Alan Muscat sabiex fi zmien sitt xhur millum ihallas kwart tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz u li r-rapport taghhom jirrizulta ntaxxat f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' erba' mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€427.53).[1]

Finalment, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

______________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

______________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[1] PS 465 Daniel Abela u PS 46 Charlot Casha (Dok. "DA" – *a fol.* 190) (€119.85); Joseph Mallia (*Envelope Loose*) (€1590.25). Kwart ta' dawn l-ispejjez jammonta ghal €427.53.